# TFAJLA

Kellha xi ħames snin, ġwejda, mistħija,
    Imħarsa mill-għajnejn għajjura t'ommha:
    U jiena rajtha b'ħeġġa ferriħija
    Taqta' mis-sies xi warda u, bla ma xxommha,

Tqegħedha f'daqsxejn ta' qfejfa: hekk medhija
    Kienet fil-ġbir tal-ward illi minn fommha
    Ma ħarġet ebda kelma, biss bħal dija
    Kienet tilgħab fuq wiċċha u f'dehwa żżommha.

"Staqsejtha—ma naħsebx li kienet għira—
    Da' l-ward li qiegħda tiġbor għal min hu?"
    Tbissmet bħall-anġli u qaltli: "Għal Ġesù".

Oh kieku d-dinja bħal dit-tifla żgħira
    Tagħraf mill-ħajja tiġbor ward sabiħ,
    U troddu bi tbissima 'l Min jagħtih!

11-2-'43 DUN KARM.